



Brussell, 28 ta' Frar 2024  
(OR. en)

7162/24

**UD 39  
CORDROGUE 32  
DELACT 37**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

minn:	Is-Segretarju Ĝeneralu tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	28 ta' Frar 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ĝeneralu tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2024) 1219 final
Suġġett:	REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../... ta' 28.2.2024 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 fir-rigward tal-inklużjoni tal-prekursur tad-droga Malonat tal-isopropiliden (2-(3,4-metilendifossifenil)aċetil) (IMDPAM) u ta' sustanzi oħra fil-lista ta' sustanzi skedati

Id-delegazzjonijiet isibū mehmuż id-dokument C(2024) 1219 final.

Mehmuż: C(2024) 1219 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 28.2.2024  
C(2024) 1219 final

**REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 28.2.2024**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-  
Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 fir-rigward tal-inklużjoni tal-prekursur tad-  
droga Malonat tal-isopropiliden (2-(3,4-metilendiōssifenil)aċetil) (IMDPAM) u ta'  
sustanzi oħra fil-lista ta' sustanzi skedati**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

## **MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI**

### **1. KUNTEST TAL-ATT DELEGAT**

Il-prekursuri tad-droga huma sustanzi kimiċi li jistgħu jintużaw għall-manifattura illeċita ta' drogi narkotiċi jew sustanzi psikotropiċi. Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill<sup>1</sup> jistabbilixxi miżuri għall-monitoraġġ tal-kummerċ tal-prekursuri tad-droga fl-UE, filwaqt li r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005<sup>2</sup> jirregola l-kummerċ tal-prekursuri tad-droga bejn l-UE u pajjiżi terzi.

Flimkien, iż-żewġ Regolamenti jimplimentaw il-miżuri previsti mill-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drogi Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi tad-19 ta' Diċembru 1988<sup>3</sup> (il-“Konvenzjoni tan-NU tal-1988”).

Il-prekursuri tad-droga jistgħu jkunu sustanzi skedati (elenkati fl-Annessi taż-żewġ Regolamenti, b'diversi obbligi legali marbuta skont il-kategorija tagħhom — liċenzja, reġistrazzjoni, awtorizzazzjoni tal-esportazzjoni/importazzjoni, eċċ.). Il-prekursuri tad-droga jistgħu jkunu wkoll sustanzi mhux skedati li jfisser li mhumiex elenkati fl-Annessi. Kull Stat Membru jista' jadotta l-miżuri meħtieġa biex l-awtoritajiet kompetenti tiegħi jkunu f'pożizzjoni li jikkontrollaw u jimmonitorjaw tranżazzjonijiet suspettużi li jinvolvu sustanzi mhux skedati.

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti indikaw is-sekwestru tal-melħ tas-sodju tal-Malonat tal-isopropiliden (2-(3,4-metilendiōssifenil)acetyl) (IMDPAM). Barra minn hekk, ċerti esteri ta' żewġ sustanzi skedati jistgħu jintużaw ukoll fil-produzzjoni illeċita tad-drogi.

Dawn is-sustanzi jenħtieġ li jiżdiedu mal-lista ta' sustanzi skedati fir-Regolamenti, biex jissaħħu l-kontroll u l-monitoraġġ tagħhom.

### **2. KONSULTAZZJONIJIET QABEL L-ADOZZJONI TAL-ATT**

F'konformità mal-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016<sup>4</sup>, twettqu konsultazzjonijiet xierqa u trasparenti, inkluż fil-livell tal-experti, bi tħejjija għal dan l-att delegat. Il-Grupp ta' Esperti dwar il-Prekursuri tad-Droga ddiskuta u laqa' b'sodisfazzjon il-proposta matul il-laqgħat tiegħi fl-1-2 ta' Ġunju 2023 u fit-13 ta' Novembru 2023.

L-abbozz ġie ppubblikat għall-feedback tal-pubbliku fuq il-portal “Semma’ leħnek”. Abbażi tal-kontributi li waslu matul il-perjodu tal-feedback pubbliku, kemm fuq Semma’ Leħnek kif ukoll mingħand il-grupp ta' esperti, ġew ikkoreġutu żabalji materjali rigward l-isem ta' sustanza kimika u l-kodicijjiet tan-Nomenklatura Magħquda (“NM”) ġew miżjudha fl-Annessi.

L-abbozz ġie nnotifikat abbażi tal-Artikolu 2(9)(2) tal-Ftehim dwar l-Ostakli Tekniċi għall-Kummerċ. Ma wasal l-ebda kumment.

### **3. ELEMENTI ġURIDIĊI TAL-ATT DELEGAT**

Abbażi tal-Artikolu 15 tar-Regolament (KE) Nru 273/2004 u l-Artikolu 30a tar-Regolament (KE) Nru 111/2005, il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati sabiex tadatta l-Annessi għal-xejriet ġodda fid-devjazzjoni tal-prekursuri tad-droga.

<sup>1</sup> Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursuri tad-droga, ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1.

<sup>2</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi, ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1.

<sup>3</sup> ĠU L 326, 24.11.1990, p. 57.

<sup>4</sup> ĠU L 123, 12.5.2016, p. 10

Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 u r-Regolament (KE) Nru 111/2005 huma relatati ħafna ma' xulxin. Dawn jimplimentaw b'mod konġunt il-miżuri previsti fl-Artikolu 12 tal-Konvenzjoni tan-NU tal-1988. Għalhekk, il-ġbir flimkien ta' żewġ setgħat ibbażati fuq atti leġiżlattivi bażiċi differenti f'att delegat wieħed huwa ġġustifikat minħabba r-rabta materjali mill-qrib bejn is-setgħat inkwistjoni.

## **REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) .../...**

**ta' 28.2.2024**

**li jemenda r-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 fir-rigward tal-inklużjoni tal-prekursur tad-droga Malonat tal-isopropiliden (2-(3,4-metilendiossifenil)acetyl) (IMDPAM) u ta' sustanzi oħra fil-lista ta' sustanzi skedati**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

**IL-KUMMISSJONI EWROPEA,**

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 dwar prekursuri tad-droga<sup>1</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 111/2005 tat-22 ta' Diċembru 2004 li jistabbilixxi regoli għall-monitoraġġ ta' kummerċ fil-prekursuri ta' drogi bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi<sup>2</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 30a tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KE) Nru 273/2004 jistabbilixxi miżuri għall-monitoraġġ tal-kummerċ tal-prekursuri tad-droga fl-Unjoni, filwaqt li r-Regolament (KE) Nru 111/2005 jirregola l-kummerċ tal-prekursuri tad-droga bejn l-Unjoni u pajjiżi terzi. L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 273/2004 u l-Anness tar-Regolament (KE) Nru 111/2005 fihom lista ta' sustanzi skedati, li huma soġġetti għal diversi miżuri armonizzati ta' kontroll u ta' monitoraġġ previsti f'dawk ir-Regolamenti.
- (2) L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti rrapportaw is-sekwestru tal-melħ tas-sodju tal-Malonat tal-isopropiliden (2-(3,4-metilendiossifenil)acetyl) (IMDPAM) fil-kuntest tal-manifattura illeċita tad-drogi narkotiċi.
- (3) L-IMDPAM jintuża biex jiġi prodott it-3,4-Metilendiossifenilpropan-2-on, li, fih innifsu, huwa prekursur tat-3,4-metilendiossimetamfetammina (MDMA), magħrufa iktar bħala “ekstasi”.
- (4) L-MDMA hija waħda mill-iktar drogi komuni li jiġu prodotti b'mod illeċitu fl-Unjoni. Huwa magħruf li toħloq riskji sinifikanti għas-saħħa tal-bniedem.
- (5) Għalhekk, l-IMDPAM jenħtieġ li jiġi inkluż fil-lista ta' sustanzi skedati fil-livell tal-Unjoni biex jissaħħu l-kontroll u l-monitoraġġ tiegħu.
- (6) Barra minn hekk, seba' esteri tat-2-metil-3-fenilossiran-2-aċidu karbossiliku (aċidu gliċidiku BMK) u sitt esteri tat-3-(1,3-benżodiossol-5-il)-2-metil-ossiran-2-aċidu karbossiliku (aċidu gliċidiku PMK)) ġew identifikati bħala sostituti possibbi tal-aċidu gliċidiku BMK u tal-aċidu gliċidiku PMK fil-produzzjoni illeċita tad-drogi. Dawk l-esteri jistgħu jiġi ddisinjati

<sup>1</sup> ĠU L 47, 18.2.2004, p. 1.

<sup>2</sup> ĠU L 22, 26.1.2005, p. 1.

façilment biex jevitaw il-miżuri ta' kontroll u ta' monitoraġġ applikabbi għall-aċidu gliċidiku BMK u għall-aċidu gliċidiku PMK, sustanzi skedati tal-Kategorija 1. Barra minn hekk, jistgħu jiġu kkonvertiti faċilment fiż-żewġ sustanzi skedati. Sabiex jiġu żgurati l-kontroll u l-monitoraġġ tagħhom, jenħtieġ li l-esteri rispettivi jiż-diedu wkoll mal-lista ta' sustanzi skedati fir-Regolament (KE) Nru 273/2004 u fir-Regolament (KE) Nru 111/2005.

- (7) Is-sustanzi skedati elenkti fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 273/2004 u fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 111/2005 huma maqsuma f'kategoriji li għalihom japplikaw miżuri differenti, sabiex jintlaħaq bilanċ proporzjonat bejn il-livell ta' riskju maħluq minn kull sustanza speċifika u l-piż fuq il-kummerċ leċitu. Il-kontrolli u l-miżuri ta' monitoraġġ l-iktar stretti japplikaw għas-sustanzi tal-Kategorija 1.
- (8) L-IMDPAM u l-esteri identifikati tal-aċidu gliċidiku BMK u tal-aċidu gliċidiku PMK joħolqu theddida soċjali sinifikanti u theddida sinifikanti għas-saħħha pubblika fl-Unjoni. Ma għandhom l-ebda produzzjoni, kummerċ jew użu leċitu magħruf, għajr għal skopijiet ta' riċerka. Għaldaqstant, l-inklużjoni ta' dawn is-sustanzi fil-Kategorija 1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 273/2004 u fil-Kategorija 1 tal-Anness tar-Regolament (KE) Nru 111/2005 tkun respons adegwaw biex jiġi evitat l-użu tagħhom fil-manifattura illeċita tad-drogi narkotiċi u, fl-istess ħin, ma toħloqx xi piż amministrattiv żejjed sinifikanti għall-operaturi ekonomiċi u għall-awtoritajiet kompetenti fl-Unjoni.
- (9) Għalhekk jenħtieġ li r-Regolamenti (KE) Nru 273/2004 u (KE) Nru 111/2005 jiġu emendati skont dan.
- (10) Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577<sup>3</sup> ikklassifika mill-ġdid il-fosforu aħmar fin-Nomenklatura Magħquda ("NM"). Għalhekk jenħtieġ li l-kodiċijiet NM fir-Regolamenti (KE) Nru 273/2004 u (KE) Nru 111/2005 jiġu emendati skont dan.
- (11) Ir-Regolamenti (KE) Nru 273/2004 u (KE) Nru 111/2005 flimkien jimplimentaw ċerti dispożizzjonijiet tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-Traffik Illeċitu fi Drog Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi, li saret fi Vjenna fl-20 ta' Diċembru 1988 u li ġiet approvata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/611/KEE<sup>4</sup>. Fid-dawl tar-rabta sostantiva mill-qrib bejn is-setgħat f'dawk iż-żewġ Regolamenti, jixraq li l-emendi jiġu adottati permezz ta' att delegat uniku.

#### ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

#### Artikolu 1

#### *Emendi għar-Regolament (KE) Nru 273/2004*

L-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 273/2004 huwa emendat f'konformità mal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

<sup>3</sup> Ir-Regolament ta' Implantazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/1577 tal-21 ta' Settembru 2020 li jemenda l-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana (ĠU L 361, 30.10.2020).

<sup>4</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/611/KEE tat-22 ta' Ottubru 1990 fir-rigward tal-konkużjoni, f'isem il-Komunità Ekonomika Ewropea, tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra t-Traffiku Illeċitu ta' Drog Narkotiċi u Sustanzi Psikotropiċi (ĠU L 326, 24.11.1990, p. 56).

Artikolu 2  
*Emendi għar-Regolament (KE) Nru 111/2005*

L-Anness tar-Regolament (KE) Nru 111/2005 huwa emendat f'konformità mal-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3  
*Dħul fis-seħħ*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jaapplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 28.2.2024

*Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN*